**Dispożittiv**

1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) 2019/855 tas-27 ta' Mejju 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran huwa annullat sa fejn jikkonċerna lil Sayed Shamsuddin Borborudi.

2) Il-Kunsill huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 357, 21.10.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – Iniciativa "Derecho de la UE, derechos de las minorías y democratización de las instituciones españolas" vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-611/19)** (1)

***("Dritt istituzzjonali – Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej – 'Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli' – Qafas ġdid għall-Unjoni sabiex issaħħaħ l-Istat tad-dritt – Rifjut ta' reġistrazzjoni – Nuqqas manifest ta' kompetenzi tal-Kummissjoni – Assenza ta' stedina sabiex tiġi ppreżentata proposta ta' att legali tal-Unjoni – Artikolu 4(2) u punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 296 TFUE")***

(2021/C 297/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Kumitat taċ-ċittadini tal-inizjattiva "Derecho de la UE, derechos de las minorías y democratización de las instituciones españolas" (rappreżentanti: G. Boye, I. Elbal Sánchez, E. Valcuende Sillero u I. González Martínez, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: I. Martínez del Peral, aġent)

*Intervenjent insostenn tal-kovenuta:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: S. Centeno Huerta, aġent)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1182 tat-3 ta' Lulju 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Id-Dritt tal-UE, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli" (ĠU 2019, L 185, p. 46).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-kumitat taċ-ċittadini tal-inizjattiva "Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli" għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(1) ĠU C 363, 28.10.2019.